MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 966/2003

**Nikodemu Frendo**

**Vs**

**Charmen Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ Mejju 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f’incident awtomobilistku li sehh gewwa Bormla nhar l-14 ta’ Settembru 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kagunati f’incident awtomobilistiku tal-14 ta’ Settembru 2002, gewwa San Gwann t’Ghuxa, Bormla, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAF 148 misjuqa minn u

propjeta` ta' l-attur u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAD 364 misjuqa minn Charmen Zammit.

Liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Liema danni ghandhom jigu likwidati minn dan it-Tribunal . Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tal-esponenti Charmen Zammit.
2. Illi l-esponenti Charmen Zammit tirriserva li tecepixxi dwar il-kwantum mitlub mill-attur hekk kif ir-ricevuti relattivi jkunu disponibbli.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi f'kazijiet simili, it-Tribunal ikun f'sitwazzjoni fejn ikun sprovvist minn xhieda ta' terza persuna indipendenti. Ikun biss rrinfaccjat minn zewg (2) versjonijiet li jistghu jkunu verosimili. Iz-zewg sewwieqa taw versjoni li tkun accettabbli f'cirkostanzi normali. Il-kaz seta gara kif rakkontat minnhom.

It-Tribunal huwa nieqes minn dawk l-elementi li jistghu jghinu biex jasal ghal konkluzjoni giusta jew ghal anqas, jassistuh biex jiddeciedi merament a bazi ta' ekwita. Huwa l-oneru tal-attur ossia ta' min jallega, li jrid jipprova l-kaz tieghu a bazi ta' probabilita. F'dan il-kaz, iz-zewg versjonijiet huma versjonijiet ta' possibilita li ma jwaslux ghal dak l-konvinciment biex jasal ghal decizjoni.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jichad it-talbiet attrici u jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------